MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 267/2003

**Edward Richmond**

**vs**

**Dr. Mark Busuttil u l-PL Victor Bugeja b'digriet tat-3 ta' April 2003 nominati bhala deputati kuraturi biex jirrappresntaw l-eredita' gjacenti ta' Guesppe Camilleri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ppremetta:

Illi huwa l-proprjetarju ta' nofs indiviz tal-fond numru 8, triq il-Karmnu, Marsa u dan kif jirrizulta fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood datat 5 ta' Frar 2003 – Dok. A – waqt li l-konvenuti huma l-proprjetarji tan-nofs indiviz l-iehor;

Illi dan il-fond kien originarjament proprjeta tal-konjugi Giuseppe u Giorgia Camilleri u s-successjoni taghhom hija regolata f'testment unica charta fl-atti tan-Nutar Paolo Carbonaro datat 19 ta' Mejju 1919 fejn innominaw reciprokament lil xulxin eredi universali u s-superstiti fosthom istitwixxa bhala eredi tieghu fi kwota ta' nofs indiviz lill-parenti consanguini ta' Giuseppe Camilleri u fi kwota ta' nofs indiviz lill-parenti consanguini ta' Giorgia Camilleri;

Illi Giorgia Camilleri mietet sine prole fil-4 ta' Mejju 1940 u Giuseppe Camilleri miet ukoll sine prole fil-21 ta' Marzu 1952;

Illi bhala rizultat ta' dan it-testment nofs il-fond jappartjeni lil eredi ta' Giorgia Camilleri u nofs iehor jappartjeni lil eredi ta' Giuseppe Camilleri;.

Illi l-imsemmi fond m'huwiex komodament divizbbibli bejn il-ko-proprjetarji, l-partijiet f'din il-kawza;

Illi l-attur ma jridx jibqa fl-istat ta' ko-proprjeta mal-konvenuti u ghalhekk qed jipproponi din il-kawza;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti: -

tordna il-licitazzjoni tal-fond numru 8, triq il-Karmnu, Marsa u ghal dan il-iskop tinnomina perit arkitett biex jaghmel l-istima opportuna u tordna li r-rikavat, wara li jigu prelevati l-ispejjes, jigi konsegwit mill-kontendenti fil-proporzjon ta' nofs kull wiehed;.

Il-konvenuti gew ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati nominate rappresentanti tal-eredita’ gjacenti ta’ Giuseppe Camilleri fejn gie sottomess li huma m’humiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk irriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti kuraturi deputati debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ April 2004 li bih gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Godwin Abela kif ukoll gie nominat bhala perit legali l-Avukat Dottor Mark Attard Montalto biex jassisti lill-istess perit tekniku u dana bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-relazzjoni kongiunta tal-imsemmija periti gudizzjarji debitament konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-24 ta’ Mejju 2005 u rat ukoll il-verbali tas-seduti u tal-access mizmuma mil-istess periti gudizzjarji;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li hu l-proprjetarju ta’ nofs indiviz tal-fond numru 8, Triq il-Karmnu, Marsa filwaqt li l-konvenuti, cioe’ l-eredita’ gjacenti ta’ Giuseppe Camilleri, huma l-proprjetarji tar-rimanenti nofs indiviz. L-attur jkompli jippremetti li originarjament l-imsemmi fond kien proprjeta tal-konjugi Giuseppe u Giorgia Camilleri, illum mejtin. L-attur jippretendi ukoll li l-imsemmi fond m’hux komodament divizbbibli bejn il-ko-proprjetarji cioe’ l-partijiet f’din il-kawza. L-attur iddikjara li ma jridx jibqa fl-istat ta’ ko-proprjeta mal-konvenuti u ghalhekk qed jitlob li tigi ordnata l-licitazzjoni tal-imsemmi fond u li jigi ordnat li

r-rikavat, wara li jitnaqqsu l-ispejjes, jigi konsegwit mill-kontendenti fil-proporzjon ta’ nofs kull wiehed;.

Il-konvenuti kuraturi deputati eccipew li huma m’humiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk irriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri. Jigi rilevat li ma gewx presentati eccezzjoijiet ulterjuri;

F’dawn il-proceduri gew nominati periti gudizzjarji u cioe’ l-AIC Godwin Abela bhala perit tekniku u l-Avukat Dottor Dottor Mark Attard Montalto bhala perit legali biex jassisti lill-istess perit tekniku;.

Fir-relazzjoni presentata mill-abbli periti gudizzjarji fl-ewwel lok il-perit tekniku ddeskriva l-fond in kwestjoni kif ukoll ivvaluta l-istess fond fis-somma ta’ sebghat elef liri maltin (Lm7000) ghall-intier. Sussegwentement il-perit legali kkonsidra li jirrizulta li l-istess fond hu proprjeta tal-attur kwantu ghan-nofs indiviz u n-nofs l-iehor hu proprjeta tal-konvenuti. Hu kkonsidra ukoll li jidher li l-werrieta tal-eredita’ gjacenti konvenuta jinsabu kollha jghixu barra minn Malta u li ma kien hemm l-ebda kuntatt maghhom sa mis-sena 1980. In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet l-istess perit legali kkonkluda li ma jsib l-ebda impediment legali sabiex din il-Qorti tordna il-licitazzjoni tal-fond in kwistjoni u li r-rikavat, wara li jigu prelevati l-ispejjez, jigi konsegwiti mill-kontendenti fil-proporzjon ta’ nofs kull wiehed;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa din ir-relazzjoni u tirrileva li taqbel mal-konsiderazzjonijiet li ghamlu l-abbli periti gudizzjarji. Taqbel ukoll mal-konkluzjonijiet li wasslu ghalihom l-istess periti gudizzjarji. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel li din il-Qorti tbiddel jew tiskarta dawn l-istess konkluzjonijiet. Inoltre jigi rilevat li jirrizulta ukoll li l-fond in kwestjoni mhux kommodament divizibbli bejn is-sidien kollha;

In vista tal-premess it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u b'hekk tordna il-licitazzjoni tal-fond numru 8, Triq il-Karmnu, Marsa u tordna li r-rikavat, wara li jigu prelevati l-ispejjes, jigi konsegwit mill-kontendenti fil-proporzjon ta' nofs kull wiehed;.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------